**371. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddiskuta l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-sena 2025 ippreżentati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li kopja tagħhom tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat tal-5 ta' Mejju 2025;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-sena 2025 kif ippreżentati.

22.05.2025